**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 12 ta' Dicembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri**
**Spettur Lydon Zammit**
**Spettur Wayne Camilleri)**

**Vs**

**RONALD URRY**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Ronald Urry** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 135364M.

Nakkuzawh talli nhar il-5 ta' Novembru 2018, ghall-habta tad-21:30hrs gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Convenience Shop li jinsab fi Triq l-Imsida, Santa Venera:

1. Flimkien ma' persuna ohra ikkommetta serq ta' flus u topup cards, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra; *Artikoli*

*261(a)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 267, 270, 275, 276, 279(a), 280(2); tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*

2. Bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Raisa Schembri u lil Ann Marie Marsh kontra l-volonta' taghhom; *Artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*

3. Garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija *Artikoli 51(7); 55(a) tal-Kap 480 tal-ligijiet ta' Malta*

4. U aktar talli fit-2 ta' Dicembru 2018 ghall-habta ta' bejn 15:00hrs u 16:00hrs, ġewwa Triq it-Telgha tal-Madliena, Naxxar, ikkommetta serq ta' diversi ogetti u flus kontanti minn ġewwa l-vettura tal-ghamla Fiat Doblo bin-numru ta' registrazzjoni RON511, propjeta ta' Ronald u Michelle Cordina liema serq huwa aggravat bil-mezz, bl-ammont li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa; *Artikoli 261(b)(c)(g), 263(a), 267, 271(g), 278(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

5. U aktar talli fit-2 ta' Dicembru 2018 ghall-habta ta' bejn 15:00hrs u 16:00hrs, ġewwa Triq it-Telgha tal-Madliena, Naxxar ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli u cioe għamlet ħsara fil-vettura Fiat Doblo bin-numru ta' registrazzjoni RON511, propjeta ta' Ronald Cordina, liema ħsara hija ta' aktar minn 250 Euro u anqas minn 2,500 Euro Euros (hames mitt Lira Maltija) għad-dannu tal-istess Ronald Cordina *Artikolu 325 (1) (b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*;

6. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Josette Demicoli LLD fid-digriet taghha tas-17 ta' Jannar 2018 hekk kif emendat mill-istess Qorti bih tat il-helsien mill-arrest taht Garanzija Personali ta' 30,000 Euro. *Artikoli 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*

7. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi sar ricediv ai termini tal-artikolu 49 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza tal-lum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena u/jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu. Ghall-finijiet tal-piena u/jew sanzjoni, l-Qorti qed tikkonsidra fuq kollox l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali refrattarja tieghu esebita in atti. Naturalment il-Qorti mhux qed tinsa n-natura serja tal-imputazzjonijiet u l-fatt li l-imputat huwa recidiv. Il-Qorti qed tikkonsidra wkoll dak ivverbalizzat fl-udjenza tal-lum illi l-imputat huwa afflitt mill-problema tal-konsum tad-droga.

**Decide**.

**GHAL-MOTTIVI PREMESSI IL-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 86, 87(1)(e), 261(a)(b)(c)(f)(g), 262(1)(a)(b)(2), 263(a), 267, 270, 271(g), 275, 276, 278(3), 279(a), 280(2), 289, 325(1)(b) u 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta,kif ukoll l-Artikoli 51(7) u 55(a) tal-Kap.480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta' 3 (tlett) snin prigunerija.

In oltre il-Qorti qed tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest tal-imputat li huwa kien inghata permezz tad-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta (mill-Magistrat Josette Demicoli LL.D) tas-17 ta' Jannar 2018.

Il-Qorti mhux qed tordna li l-garanzija personali ta' tletin elf (€30,000) euro (imposta bid-digriet tal-helsien mill-arrest hawn fuq imsemmi) tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur